Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

Illum, l-10 ta' Ottubru 2019

**Il- Pulizija**
**(Spt. Sylvana Briffa**
**Spt. Darren Buhagiar)**
**vs**

**Charles Micallef**

Rat l-imputazzjonijet kontra **Charles Micallef**, 63 sena, iben Carmel u Maria Teresa nee' Galea, imwieled ir-Rabat nhar l-10 ta' Novembru 1951, residenti gewwa 20, Triq Indri Borg, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 886951M.

Billi huwa akkuzat talli nhar il-21 ta' Marzu 2014, gewwa l-Belt Valletta, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-waqt li kien fis-sehh zwieg legittimu, ghamel zwieg iehor.

Kif ukoll talli nhar il-5 ta' Jannar 2014, gewwa l-Belt Valletta, u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer halef falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, liema gurament huwa mehtieg mil-ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli tal-Ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ix-xhieda ta' Mary Ciantar, Dr Mariella Silvio, Marisa Hewer, l-iSpettur Sylvana Briffa, l-iSpettur Darren Buhagiar u Amanda Grech.

Rat is-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, Onor. Imhallef Tonio Mallia) datata 14 ta' Dicembru 2018.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata in atti fil-25 ta' Frar 2019 kif ukoll dik tad-Difiza pprezentata in atti fis-26 ta' Marzu 2019.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 xehdet Mary Ciantar (*a foll. 10 et seq.)* fejn qalet illi l-akkuzat huwa l-ex ragel taghha li minnu ghandha s-separazzjoni u mhux id-divorzju. Ghalhekk id-difiza oggezzjonat ghax-xhieda taghha ghax f'dak l-istadju ix-xhud kienet ghada l-mara ta' l-akkuzat.

Xehdet fl-istess seduta, Mariella Silvio, (*a foll. 13 et seq.)* legal officer mad-dipartiment tar-Registru Pubbliku fejn ipprezentat kopja legali ta' l-Att taz-Zwieg bejn l-akkuzat u Mary Ciantar li sehh fil-1974 (*a foll. 25)*, li minnu jirizulta illi kienet sehhet separazzjoni fis-sena 2000. Xehdet illi l-imputat kien mar japplika ghall-pubblikazzjoni tat-tniedijiet biex jizzewweg lil haddiehor fil-21 ta' Marzu 2014, u fil-fatt kien rega' izzewweg f'Malta, fejn ix-xhud ezebit vera kopja ta' l-att *(a foll. 26)* u l-file (*a foll. 27 et seq)* fejn kien hemm ukoll id-dikjarazzjoni iffirmata minghand l-akkuzat kif ukoll mix-xhud tieghu, illi hu ma kienx mizzewweg. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku kienet baghtet e-mail lil Pulizija f'Ottubru 2014, sabiex tinfurmhom illi l-akkuzat kien izzewweg persuna ta' nazzjonalita Russa waqt illi kien ghadu mizzewweg persuna ohra. Mistoqsija kif ma saritx verifika qabel ma sar iz-zwieg, ix-xhud wiegbet li jista' jkun kien hemm nuqqas min-naha ta' l-ufficjal li ghamel il-verifiki. Huma kienu ndunaw b'dan

meta l-ewwel mara ta' l-imputat, kienet marret l-ufficju biex taghmel *change of name* li ssir fl-atti, nkluz l-att taz-zwieg. Mistoqsija jekk id-Dipartiment setghax joggezzjona ghaz-zwieg f'kaz illi kien hemm zwieg precedenti, x-xhud wiegbet illi iva f'kaz illi jkun ingieb ghall-attenzjoni tad-Dipartiment li kien hemm zwieg iehor. Mistoqsija jekk id-dipartiment ghandhux d-database tas-CDB, li hija d-database tal-gvern fuq kull individwu, x-xhud wiegbet iva u qalet illi ghandhom ukoll s-sistema tal-Pub Reg fuq kull persuna li hija aktar korretta.

Xehdet fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2015, Marisa Hewer (*a foll. 54 et seq.)* li hija Marriage Officer u qalet li meta koppji jigu jistaqsu x'ghandhom bzonn biex jizzewwgu, huma l-ewwel jaghmlulhom tlett mistoqsijiet; l-ewwel nett jekk qatt kienux mizzewgin qabel, it-tieni, jekk hemmx tfal mir-relazzjoni u t-tielet jekk kienux siefru barra minn Malta ghal hafna zmien, peress illi setghu zzewgu barra minn Malta u ghalhekk z-zwieg ma jkunx gie rregistrat. L-akkuzat, li x-xhud gharfet fl-awla, wiegeb fin-negattiv ghal ewwel zewg mistoqsijiet, u li kien jghix il-Canada u allura hi saqsietu jekk kienx hemm zwieg barra, u hu kien wiegeb illi le. Meta dahhlet id-dettalji tieghu fis-sistema tas-CDB dan ma tella' xejn illi hu kien mizzewweg, u peress illi ma rrizulta xejn, iz-zwieg sar. Wara rrizulta illi l-ewwel zwieg ma giex rregistrat fuq ic-CDB, ghax l-ewwel zwieg kien fil-1974 waqt illi s-sistema tal-Marriage Registry bdiet fil-1975, u ghalhekk hija kellha toqghod fuq id-dikjarazzjoni tal-persuna. Ix-xhud giet murija dokument *(a foll. 41),* li huwa dokument li jigi iffirmat meta persuna tghix barra minn Malta u ghalhekk jittiehed l-affidavit tat-tielet persuna, li f'dan il-kaz kien Paul Said li ddikjara li sa fejn jaf hu, l-imputat qatt ma kien izzewweg, u x-xhud iddikjarat li gharfet il-firma tieghu.

Fl-istess seduta xehdet l-iSpettur Sylvana Briffa, (*a foll. 58 et seq.)* li qalet li kienet irceviet ittra minghand Ermelinda Zahra id-Direttur ta' l-Agenzija Identity Malta, fit-13 ta' Dicembru 2014, rigward kaz ta' bigamija ta' Charles Micallef, li kien izzewweg lil Vadiskina Vasilievna Madeska fil-21 ta' Marzu 2014, waqt illi kien ghadu mizzewweg lil Mary Ciantar. Hu kien ha gurament illi kien ddivorzjat u free to marry u x-xhud Paul Said kien ukoll iddikjara illi Charles Micallef kien *free to marry.* Ix-xhud qalet li l-Pulizija kienu

talbu lil Public Registry ghaz-zewg Marriage Acts ta' l-imputat, u kienu komplew bl-investigazzjoni, u fil-fatt l-akkuzat kien gie arrestat fejn ittiehdet stqarrija wara li kien ikkonsulta ma' l-Avukat tieghu. Huwa qal illi kien izzewweg lil ewwel mara xi erbghin sena qabel u kien ilu xi erbatax-il sena li ssepara minn maghha. Wara li ssepara iltaqa' ma mara Russa, Nadia, u wara erba' xhur izzewigha. Il-habib tieghu Paul Said kien hadlu hsieb kollox, ghax Nadia kienet tigi oht il-mara tieghu. L-imputat kien qal lil Pulizija li l-mara tieghu Nadia kienet telqet minn Malta fit-2 ta' Jannar 2015 u ma kellux kuntatt maghha. Huwa innega li kien ta informazzjoni qarrieqa lil Registru Pubbliku, ghax kien dejjem Paul Said li tkellem maghhom f'ismu. Huwa kien ghamel xi snin jghix il-Canada, izda innegga illi kien qal ili ha d-divorzju mill-Canada.

Xehed ukoll fl-istess seduta, l-iSpettur Darren Buhagiar (*a foll. 70 et seq.)* fejn qal li fid-29 ta' Ottubru 2014, kien ircieva rapport mir-Registru Pubbliku li certu Charles Micallef kien izzewwg mara Russa Vetoshkina Vasilievna Nadeska filwaqt illi kien ghadu mizzewweg lil Mary Ciantar. Fil fatt hu kien tkellem ma' Mary Ciantar, li hija l-ewwel mara tal-akkuzat, illi ddikjarat illi ma kienx hemm divorzju bejniethom, u wara, l-imputat gie arrestat u mitkellem mill-iSpettur Sylvana Briffa. Gie ukoll mitkellem Paul Said peress illi skond l-imputat kien deher biex jitkellem f'isem l-akkuzat mad-dipartiment tar-Registru Pubbliku, li gie ukoll investigat fuq suspett ta' dikjarazzjoni falza u kien hemm ukoll proceduri l-Qorti kontrih.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2015, xehdet Amanda Grech (*a foll. 74 et seq.)* ghad-dipartiment tar-Registru Pubbliku, fen qalet li skond ir-records fid-dipartiment kien hemm zwieg ta' Charles Micallef fl-1974, li kien segwit b'separazzjoni fis-sena 2000, u t-tieni zwieg fil-21 ta' Marzu 2014. Hija xehdet illi meta l-imputat mar japplika, ma rrizultax mis-sistema tal-computer illi kellu zwieg qabel. Hija pprezentat certifikati taz-zwieg u l-file ta' l-applikazzjoni biex jigu ppublikati t-tnidijiet. Fil-kontro ezami giet mistoqsija d-data tal-pubblikazzjoni tat-tnidijiet li rrizulta li kien l-5 ta' Frar 2014, u ikkonfermat illi d-dipartiment ma' iccekjax biex jara jekk ir-ragel kienx mizzewweg qabel, ghax m'hemmx sistema fil-computer ghas-sena 1974, u dan ghaliex tali registrazzjoni bdiet issir bil-Karta ta' l-Identita mill-1993.

Ikkonfermat illi ma ssirx 'physical check' fuq il-Maltin ghax dawn jiehdu gurament, li f'dan il-kaz inghata minn Marisa Hewer.

Xehdet Dr.Yvette Tonna Borg fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2019, fejnipprezentat kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Mary Ciantar bin-numru 121/2016 deciza fl-14 ta' Dicembru 2018, fejn il-Qorti laqghet l-Appell ta' Charles Micallef (l-imputat fil-kaz odjern) li hassret is-sentenza appellata u ddikjarat iz-zwieg bejn il-partijiet null u bla effett legali ai termini tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat kien izzewweg lil Mary Ciantar fil-1974 u ssepara minn maghha fis-sena 2000. Illi fis-sena 2014 kien izzewweg lil Vetoshkina Vasilievna Nadeska meta kien ghadu mizzewweg lil Mary Ciantar u ghalhekk gie akkuzat illi kkommetta l-bigamija u li ha gurament falz. Jidher illi matul il-kawza odjerna, l-akkuzat kien fetah proceduri ghal annullament taz-zwieg, liema zwieg gie iddikjarat null u bla effett legali mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Fir-rigward ta' **l-ewwel imputazzjoni** u cioe dik talli **filwaqt li kien fis-sehh zwieg legittimu, ghamel zwieg iehor. (Art 216 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 16 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Olaf Cini,** il-Qorti per l-Imhallef Victor Caruana Colombo, qalet:

*"Mhux koncepibbli li hsar bhal dan lill-konjugi, lill-familja u lill-ordni pubbliku tissuciedi f'kaz illi z-zwieg precedenti ma jkunx validu. Jigifieri f'kaz illi l-ewwel zwieg, ghalkemm jista' jkun legittimu, jkun null, allura ma jkunx hemm lok ghall-protezzjoni tal-familja u tas-socjeta, propju ghaliex*

*dawn ma jkunux gew realment lezi. Konsegwentament, ma tistax tkun l-intenzjoni tal-legislatur li jimponi piena f'kaz illi l-ewwel zwieg ma jkunx validu, f'kaz jigifieri fejn hemm zwieg wiehed biss validu u ghalhekk fir-realta m'hemmx bigamija.*

*Ghalhekk propju kif gie ritenut fil-gurisprudenza citata, l-element in kwistjoni tar-reat tal-bigamija, huwa zwieg precedenti validu, mhux biss legittimu."*

Illi ghalkemm meta l-akkuzat izzewweg it-tieni darba, l-ewwel zwieg kien ghadu fis-sehh, stante li l-imputat kien biss legalment separat minn ma l-ewwel mara u qatt ma ottjena divorzju, il-fatt illi konsegwentament l-ewwel zwieg gie ddikjarat null u bla effett legali, l-imputat ma jistax jinstab hati li filwaqt illi kien fis-sehh zwieg legittimu, ghamel zwieg iehor, u dan ghaliex l-ewwel zwieg ma jistax jitqies bhala zwieg validu u legittimu u dan permezz ta'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, Onor. Imhallef Tonio Mallia) fl-14 ta' Dicembru 2018.

Ghalhekk il-Qorti qed tillibera lil imput minn l-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Fir-rigward **it-tieni imputazzjoni** u cioe' dik li **halef falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, liema gurament huwa mehtieg mil-ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta (Art 108 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ta' L-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa`) vs Donovan John Scerri** deciza nhar il-17 ta' Ottubru, 2011 mill-Onor. Imhallef Lawrence Quintano fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Il-Professur Mamo jinsisti: 'The oath must be lawfully administered, that is in the form and with the ceremonies which the law itself prescribes and by a person who is authorised by law.'*

*Mela l-Professur Mamo imkien ma jgħid li jekk wieħed jiffirma formola li fiha jkun hemm miktub 'Jien naħlef' u xi ħadd jittimbra fuqha, allura l-ġurament ikun ngħata.*

*Mir-regolament 5 tal-Kap 79 joħroġ ċar li l-Kummissjunarju mhux biss irid jiżgura ruħu mill-identita' iżda jrid jara wkoll li dik il-persuna tifhem sew dak li jkun ser jaħlef.*

*Għalhekk il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-ġurament imur 'il hemm minn sempliċi formola ta' kliem li fiha 'Jien naħlef' u / jew firma fuq karta. Teżisti l-amministrazzjoni tal-ġurament li mhix sempliċiment formola. Il-persuna inkarigata trid jew taqra t-test hi stess, jew tisma' 'l min qed jieħu l-ġurament jaqra t-test u wara jbus is-salib jew waqt il-qari tat-test tal-ġurament ipoġġi idejh fuq il-Bibbja jew il-Koran.*

*Jekk wieħed jagħmel dikjarazzjoni solenni l-persuna li qed tamministra l-ġurament għandha tispjega u turi bil-fatti li din id-dikjarazzjoni hija waħda speċjali u li titlob minn dak li jkun impenn mhux tas-soltu. Għandha tiżgura li l-persuna li qed tieħu l-ġurament fehmet sewwa dak li tkun ser taħlef u, jew taqra hi stess bil-mod id-dikjarazzjoni solenni jew tisma' lil persuna taqraha ad alta voce.*

*Kemm fil-ġurament u kemm fid-dikjarazzjoni solenni, il-persuna inkarigata għandha d-dmir li tfiehem lil min qiegħed jagħmel dawn l-atti s-serjeta' tal-mument speċjalment jekk tintebaħ li dawn l-atti qed isiru b'ċertu leġġerezza."*

Illi dwar il-gurament falz ta' l-akkuzat, jirizulta illi ghalkemm *a foll.* 45 ta' l-atti processwali gie ipprezentat dokument illi juri li l-akkuzat iffirma formola intitolata "Dikjarazzjoni ghal finijiet ta' l-Art. 7(5) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg", fejn hemm indikat illi l-imputat inghata l-gurament, dan fl-ebda hin, ma gie ippruvat, b'liema mod gie moghti dan il-gurament, u jekk inghatax skond il-Ligi, u wisq anqas ma gie ippruvat illi l-Ufficcjal tar-Registru Pubbliku u cioe' fil-kaz odjern, Marisa Hewer kienet persuna awtorizzata bil-ligi biex

tamministra il-guramenti kif jirrikjedi Artikolu 108 (1) "uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament".

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk il-Qorti qed tillibera lil imput mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrih.

## <u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Fir-rigward **it-tielet imputazzjoni u cioe dik talli  talli fl-istess data, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recediv u dan wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula. (Art 49 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi stante li l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni, il-Qorti ma tistax issib lil imputat hati li rrenda ruhu recidiv.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 108 u 196 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lil imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat